MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2011

Citazzjoni Numru. 941/2009

**Ronald Gaerty (ID. 547186 M) u Mary Gaerty (ID. 655752 M)**

**vs**

**Paul Caruana u Global Executive Search (Malta) Limited**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' Ronald Gaerty u Mary Gaerty datat 29 ta' Settembru 2009 a fol. 1 tal-process fejn Ronald Gaerty bil-guramentat tieghu espona:-

Illi l-intimat Paul Caruana kien talab u ottjena l-hrug ta' mandat ta' qbid kawtelatorju numru 477/01 fl-ismijiet *Paul Caruana vs Global Executive Search (Malta) Limited.*

Illi l-imsemmi mandat gie ezegwit fil-fond “Dar il-Hena”, Tan-Nadur Road, Dwejra, liema fond jappartjeni lir-rikorrenti konjugi Gaerty u huwa d-dar residenzjali taghhom.

Illi l-oggetti kollha kontenuti fl-imsemmi fond, inkluz dawk kollha elenkati fl-ezekuzzjoni tal-mandat pre-citat huma propjeta` tar-rikorrenti konjugi Gaerty u mhux tas-socjeta` intimata Global Executive Search (Malta) Limited.

Illi r-rikorrenti ghandhom ghalhekk interess dirett u immedjat illi l-oggetti elenkati fl-ezekuzzjoni tal-imsemnii mandat jigu liberati mill-effetti tal-istess mandat.

Illi ghalkemm l-intimat Paul Caruana kien gie mgharraf illi l-oggetti relattivi ma kienux jappartjenu lis-socjeta` Global Executive Search (Malta) Limited, izda kienu jappartjenu lir-rikorrenti konjugi Gaerty, l-intimat Paul Caruana baqa’ jinsisti fuq l-esekuzzjoni tal-imsemmi mandat fuq l-oggetti elenkati.

Illi ghalhekk l-istess rikorrenti talbu lill-intimati jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-oggetti maqbuda u elenkati fl-ezekuzzjoni tal-mandat ta’ qbid numru 477/01 fl-ismijiet **Paul Caruana vs Global Executive Search (Malta) Limited** huma proprjeta` tar-rikorrenti u ghalhekk ma jistghux jigu maqbuda in kawtela tal-pretensjoni ta’ Paul Caruana kontra Global Executive Search Malta Limited.

2. Tordna t-thassir u r-revoka tal-ezekuzzjoni tal-mandat pre-citat in kwantu jolqtu l-oggetti proprjeta` tar-rikorrenti u li dawn l-oggetti jigu ghalhekk liberati mill-effetti tal-imsemmi mandat - kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat Paul Caruana. L-intimati minn issa jibqghu ngunti ghas-subizzjoni taghhom u b’riserva ta’ kull azzjoni ohra spettanti lir-rikorrenti.

Rat il-lista tax-xhieda a fol. 2 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-1 ta' Dicembru 2004.

Rat ir-risposta ta' Paul Caruana detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 753360M datata 10 ta' Novembru 2009 a fol 11 tal-process fejn eccepiet: -

1. Illi l-esponent qabelxejn jistieden lir-rikorrenti jispecifikaw a bazi ta' liema disposizzjoni tal-ligi huma qed jitolbu t-twaqqif tal-esekuzzjoni tal-mandat in kwistjoni.

2. Illi l-esponent jirrileva wkoll illi l-fatt li l-konjugi Gaerty ressqu kawza ma jfissirx li b'daqshekk ghandha tieqaf l-esekuzzjoni in konnessjoni mal-imsemmi mandat.

3. Illi l-esponent jirrileva li hu kontestwalment ma' din it-twegiba, hu wiegeb ukoll ghall-kawza li hemm riferenza ghaliha fk-rikors fejn hu qed jikkontesta l-imsemmija talbiet bil-qawwa kollha tieghu. Ghalhekk ikun opportun li l-Qorti tara l-atti ta' dik il-kawza qabel tiddeciedi r-rikors odjern.

4. Illi m'hemm l-ebda raguni valida fil-ligi ghalfejn issa wara circa tmin snin li nhareg dan il-mandat illi ghandu jieqaf l-esekuzzjoni tieghu.

5. Illi finalment l-esponent jaghmel riferenza ghar-raba' paragrafu tal-imsemmi rikors li hu qed jirribatti l-istess bhala allegazzjoni nfondata fil-konfront tieghu u dan billi fil-mument li nhareg il-mandat l-ufficcju irregistrat tal-kumpanija Global Executive Search (Malta) Limited kien fil-fatt fl-indirizz 'Dar il-Hena', Tan-Nadur Road, Dwejra. Ghalhekk Paul Caruana kellu kull dritt jikkawtela l-pretensjoni tieghu bil-mod li hu ghamel u fejn il-kawza mressqa minnu ghadha pendenti quddiem il-qrati u cioe' l-kawza fl-ismijiet **'Paul Caruana vs Global Executive Search (Malta) Limited et'** quddiem l-Prim'Awla tal-Qorti Civili per Onor. Imhallef J. R. Micallef iddiferita ghal nhar

is-26 ta’ Novembru 2009 fejn hemm imharrek ukoll Rudolphe Gaerty u Ronald Gaerty proprio.

Ghaldaqstant l-esponent ihoss li t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

Daqstant l-esponenti ghandu l-unur li jwiegeb li jhalli ghall-gudizzjoni savju u superjuri ta’ din l-Onorabbli Qorti.

Rat ir-risposta mahlufa ta’ Paul Caruana detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 753360M li bil-Malti u bil-guramentat tieghu jghid:-

1. Illi fl-ewwel lok, il-konvenut Paul Caruana jirrileva illi l-pretensjoni attrici hi wahda infondata fil-fatt u fid-dritt u dan billi kemm il-hrug tal-mandat u l-atti sussegwenti ghal dan saru dejjem skont il-ligi.

2. Illi fit-tieni lok il-konvenut Paul Caruana ghandu kawza fl-ismijiet **‘Paul Caruana vs Global Executive Search (Malta) Limited et’** quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Civili per Onor. Mhallef Dr. J. R. Micallef iddiferita ghas-26 ta’ Novembru 2009 li hija kontra wkoll l-attur Ronald Gaerty proprio u ghalhekk certament f’dan l-istadju hu ghandu pretensjoni fil-konfront tal-istess. Dan jiggustifika l-hrug tal-istess mandat.

3. Illi fit-tielet lok, fil-mument li nhareg il-mandat l-ufficcju registrat tal-kumpanija Global Executive Search [Malta] Limited kien fil-fatt fl-indirizz ‘Dar il-Hena’, Tan-Nadur Road, Dwejra. Ghalhekk il-konvenut Paul Caruana kellu kull dritt jikkawtela l-pretensjoni tieghu li ghadha pendenti quddiem il-qrati.

4. Illi finalment, fi kwalunkwe kaz u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, sta ghall-atturi li jipprovaw li l-imsemmija oggetti mobbli huma proprjeta’ personali taghhom u mhux tal-kumpanija Global Executive Search [Malta] Limited meta l-oggetti kienu jinsabu fl-ufficcju irregistrat tal-istess kumpanija.

5. Salv linji difensjonali uterjuri hekk kif permessi mil-ligi.

Rat il-lista tax-xhieda ta' Paul Caruana a fol 14 tal-process.

Rat li s-socjeta' Global Executive Search (Malta) Ltd giet debitament notifikata bl-atti kollha relattivi fit-13 ta' Ottubru 2009 (fol. 7 u 9) izda baqghet kontumaci.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-1 ta' Dicembru 2009 fejn il-Qorti nnominat l-Assistent Gudizzjarju Dr. Gillian Portelli sabiex tisma' il-provi tal-partijiet.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Gillian Portelli flimkien max-xhieda kollha quddiemha prodott u d-dokumenti hemm esebiti.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti hekk presjeduta fejn fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2011 meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Lennart Depasquale ghall-atturi Ronald Gaerty prezenti u Dr. Edward Zammit Lewis ghall-konvenut Caruana. Is-socjeta` konvenuta hija kontumaci. Id-difensuri trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghall-provvediment ghas-6 ta' Dicembru 2011.

Rat l-atti kollha tal-process anness tar-rikors revoka mandat Numru 354/01/JRM fl-ismijiet **"Paul Caruana vs Global Executive Search (Malta) Limited"** deciz fis-16 ta' April 2004.

Rat id-decizjoni fl-ismijiet **"Paul Caruana vs Global Executive Search (Malta) Limited"** deciza fl-10 ta' Settembru 2009 (P.A. (JRM)) fl-atti tar-rikors ghall-Hrug ta' Kontro-Mandat ghall-Mandat ta' Qbid Numru 477/01 fl-ismijiet premessi.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din il-kawza qed issir mill-atturi ghaliex qed jallegaw li l-esekuzzjoni tal-Mandat ta’ Qbid Nru 477/01 fl-ismijiet Paul Caruana vs Global Executive Search (Malta) Limited gew elevati oggett proprjeta’ taghhom u mhux tas-socjeta’ hemm intimata, u ghalhekk qed jitolbu li jigi ddikjarat li l-istess oggetti ma jigux maqbuda in kawtela tal-pretensjoni ta’ Paul Caruana kontra l-istess socjeta’, u wkoll sabiex konsegwenti tigi revokata l-ezekuzzjoni tal-mandat in kwantu jolqot l-istess oggetti.

Illi mill-provi prodotti, jirrizulta li ghalkemm ir-registered address tal-socjeta’ Global Executive Search (Malta) Limited kien proprju fl-indirizz “Dar il-Hena”, Tan-Nadur Road, Dwejra, Rabat, Malta, kif jidher mill-Memorandum of Association tal-istess socjeta’ datat 15 ta’ Marzu 2000 (fol. 32) tal-process anness Rikors 354/01/JRM deciz fis-16 ta’ April 2004 fl-ismijiet **“Paul Caruana vs Global Executive Search (Malta) Limited”** fl-atti tal-Mandat ta’ Sekwestru Katwelatorju 476/01) pero’ jirrizulta wkoll li l-istess fond kien ukoll r-residenza tal-atturi odjerni tant li l-indirizz tal-istess huwa wkoll indikat fl-istess dokument, peress li l-atturi huma azzjonisti tal-istess socjeta’.

Illi jirrizulta wkoll mill-provi kollha prodotti li tali proprjeta’ li giet ndikata fl-istess mandat hija wkoll proprjeta’ tal-imsemmija atturi tant li l-maggoranza tal-oggetti kienu mixtrija qabel in-1992 u allura qabel mas-socjeta’ intimata bdiet topera, u dan kif jidher mil-lista esebita bhala Dok. “LD 1” (fol. 51). Dan huwa kkonfermat mix-xhieda kollha prodotta mill-atturi, nkluzi dik taghhom, ta’ Arienne u Rudophe Gaerty (affidavits datati 26 ta’ Novembru 2009 – fol. 20; 27 u 28), ta’ Edgar Tabone (Dok. “GR 1” – fol. 34);

Dr. Wayne Pisani (Dok. “GR 2” – fol. 34); u ta’ Teresino Sammut (Dok. “GR 3” – fol. 36).

Illi fil-fatt jirrizulta li r-registered address tal-istess socjeta’ kien fit-28 ta’ Settembru 2009 (Dok. “GR 4”) u jirrizulta li mid-dokumenti (Dok. “GR 3”  sa Dok. “Dok. “GR 19” – fol. 121 sa fol. 138) li s-socjeta’ intimata kienet topera minn “Moonlight Hall”, Triq l-Insolja, Burmarrad, u dan johrog ukoll car mix-xhieda tal-imsemmi Teresino Sammut datata 22 ta’ Marzu 2011). Fl-istess process hemm ukoll lista ta’ Mandati mahruga mill-konvenut Paul Caruana kontra Rudolphe Gaerty (Dok. “GR 20” –fol. 139) 19 b’kollox, u hamsa kontra s-socjeta’ intimata, inkluz dak numru 477/2001 mertu tal-kawza odjerna.

Illi fil-fatt jirrizulta wkoll li l-fond minn fejn gew elevati l-mobbli oggetti tal-mandat 477/2001 jinsabu f’dik li giet deskritta bhala “residenza privata” minn Carmelo Xeureb, dak in-nhar Marixxal Anzjan tal-Qorti (ara riferta tieghu u tal-Marixxal Nazzareno Abela datata 4 ta’ Jannar 2002), u dan wara li kien sar fis-16 ta’ Ottubru 2001 rikors minn Paul Caruana sabiex l-istess oggetti jigu mpoggija taht il-kustodja ta’ Kenneth Azzopardi. Fil-fatt il-lista “B” formanti l-mobbli deskritti u elevati fl-istess mandat fis-26 ta’ Frar 2001 tindika oggetti li huma tad-dar.

Illi peress li l-atturi nsistew li dik il-proprjeta’ kienet taghhom huma eventwalment prezentaw rikors datat 29 ta’ Settembru 2009 fejn appuntu *in vista* ta’ dan talbu li pendenti l-ezitu ta’ din il-kawza tigi sospiza l-ezekuzzjoni ta’ dan il-mandat fuq l-oggetti hawn indikati f’dawn il-proceduri, li kienu fir-residenza taghhom msemmija “Dar il-Hena”, Tan-Nadur Road, Dwejra, u fil-fatt tali rikors gie eventwalment notifikat lill-intimat odjern Paul Caruana *(‘c/o il-Qorti quddiem l-Awla tal-Imhallef Lino Farrugia Sacco”)* fl-4 ta’ Novembru 2009 u peress li ma saritx risposta, u ghalhekk ma kienx hemm opposizzjoni din il-Qorti kif presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph Azzopardi b’digriet taghha datat 18 ta’ Novembru 2009 laqghet it-talba.

Illi jinghad ukoll li fi proceduri li nfethu mill-atturi odjerni ghar-revoka tal-Mandat in kwantu jikkoncernaw l-imsemmija oggetti elevati mill-imsemmi fond u ndikati fl-istess Mandat u l-lista “B” formanti l-mobbli deskritti u elevati fl-istess mandat fis-26 ta’ Frar 2001 u fil-lista Dok. “LD 1” (fol. 51) dan sar ghaliex l-istess atturi dejjem ikkontendew li dawk il-mobbli kienu personali taghhom u dan ir-rikors sar fl-4 ta’ Jannar 2002 u gie deciz fid-decizjoni fl-ismijiet **“Paul Caruana vs Global Executive Search (Malta) Limited”** (P.A. (JRM) – 10 ta’ Settembru 2009) u t-talba tal-atturi proprju taht dak ir-rikors giet michuda biss ghar-raguni procedurali fis-sens li **l-artikolu 836 tal-Kap. 12** kien disponibbli biss ghall-*“intimat li jkun inhareg il-mandat kontrih”* u ghalhekk mhux ghall-atturi odjerni (fol. 80) tant li l-Qorti kif hemm presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph R. Micallef qalet li *“talba bhal din trid issir minn min iqis li huwa sid il-hwejjeg maqbuda u, kif inghad ukoll, bi procedura mahsuba ghal dan il-ghan, liema procedura trid issir kemm kontra l-ezekutant u kif ukoll kontra d-debitur ezekutat”* (fol. 86). Ghalhekk saret din il-kawza fid-29 ta’ Settembru 2009.

Illi fid-dawl ta’ dan kollu ma hemm l-ebda dubju f’ghajnejn din il-Qorti li l-oggetti mobbli li fuqhom gie esegwit il-mandat kawtelatorju 477/01 li kienu jinsabu fil-fond “Dar il-Hena, Tan-Nadur Road, Dwejra, huma effettivament proprjeta’ tal-atturi, u dan il-fond huwa effettivament ir-residenza taghhom, u allura l-istess oggetti ma humiex proprjeta’ tas-socjeta’ intimata odjerna hawn citata f’din il-kawza wkoll u ghalhekk gie ppruvat li l-atturi ghandhom interess li l-istess oggetti jigu lliberati mill-effetti tal-istess mandat, u ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha.

Illi jidher li dan il-mandat inhareg fuq l-istess residenza ghaliex tali post ghamel xi zmien ir-*registered address* tas-socjeta’ intimata, izda ma jidhirx li tali socjeta’ kellha xi proprjeta’ fl-istess fond, li huwa proprjeta’ tal-atturi, u fi kwalunkwe kaz dejjem uzat mill-atturi bhala r-residenza taghhom, u dan jidhirx li bhala tali huwa b’xi mod kontestat. Fi kwalunkwe kaz il-provi prodotti mill-atturi li l-oggetti ndikati huma taghhom qatt ma gew kontrastati mill-konvenut Paul Caruana.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tas-socjeta' Global Executive Search (Malta) Limited, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Paul Caruana datata 10 ta' Novembru 2009 fir-risposta tieghu datata 10 ta' Novembru 2009 in kwantu l-istess huma nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-oggetti maqbuda u elenkati fl-ezekuzzjoni tal-mandat ta' qbid numru 477/01 fl-ismijiet **Paul Caruana vs Global Executive Search (Malta) Limited** u hawn indikati f'dawn il-proceduri huma proprjeta` tar-rikorrenti u ghalhekk ma jistghux jigu maqbuda in kawtela tal-pretensjoni ta' Paul Caruana kontra Global Executive Search (Malta) Limited.

2. Tordna t-thassir u r-revoka tal-ezekuzzjoni tal-mandat pre-citat in kwantu jolqot l-oggetti proprjeta` tar-rikorrenti u li dawn l-oggetti jigu ghalhekk liberati mill-effetti tal-imsemmi mandat - kollox kif intqal fuq, u ghar-ragunijiet hawn decizi.

Illi *stante* n-natura tal-kaz l-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------